MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 465/2014

**M. Demajo (Timbers) Limited**
**C750**

**vs**

**Norman Dimech**
**ID559151-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' rikorrenti ddikjarat illi l-intimat huwa debitur tas-Socjeta' attrici fis-somma ta' sitt mija, wiehed u disghin ewro (€691.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess intimat fuq struzzjonijiet tieghu stess oltre ghal servizzi ancillari, u dan kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat (Dok.'A'), oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.
Illi l-intimat gie interpellat sabiex ihallas din is-somma izda baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas lis-Socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ sitt mija, wiehed u disghin ewro (€691.00) u dan oltre l-imghax legali mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta’ dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan l-Avviz, kontra l-intimat mil-lum ingunt ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija, wiehed u disghin ewro (€691.00) bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------